# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar is-26 ta' Ottubru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 191/2022 CL

**Yellow Pages Malta Ltd (C11814)**

**VERSUS**

**Portelli & Brincat Ltd**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-27 ta' Gunju, 2022 fejn is-socjeta konvenuta kienet ghamlet uzu minn servizzi ta' riklamar provdut mis-socjeta attrici, ghal-liema servizzi fadal jithallas bilanc ta' €2,061.04 hekk kif jirrizulta mid-dokument li gie annes. Minkejja li s-socjeta konvenuta giet interprellata thallas permezz ta' ittra bonarja baqghat inadempjenti. Is-socjeta attrici talbet lis-socjeta konvenuta tigi iddikjarata debitrici tas-socjeta attrici u li s-socjeta konvenuta tigi ikkundanata thallas l-ammont ta' elfejn u wiehed u sittin euro u erba' centezmi (€2,061.04), jew somma ohra li t-tribunal jiddeciedi li hu dovut. Bl-ispejjez tal-procedura odjerni, dawk tal-ittra bonarja u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, is-socjeta konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma dehret personalment (jew tramite rapprezentant taghha) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2022, it-Tribunal kien innota li s-socjeta konvenuta kienet notifikata, izda la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-talba tal-attur. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2022, it-Tribunal sema' lil Dr. Simon Galea Testaferrata jixhed, li huwa l-avukat, kif ukoll rapprezentant gudizzjarju tas-socjeta attrici u iddikjara bil-gurament illi l-ammont dovut kien ghas-servizzi ta' reklamar. Hu kien iccekja ma-socjeta attrici dakinhar stess u ikkonferma li l-ammont mitlub kien ghadu kollu dovut u ma kien sar ebda hlas.

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut*,"

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal sema' lil avukat u rapprezentant gudizzzjarju tas-socjeta attrici jixhed u ra li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnu m'ghandux mis-sewwa u ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghalfejn m'ghandux jitwemmen.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn u wiehed u sittin euro u erba' centezmi (€2,061.04), bl-imgħax legali mid-data tal-ittra bonarja sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv. It-talba ghal-ispejjes tal-ittra bonarja ma tistax tinlaqa' peress illli ma gietx prezentata rcevuta fiskali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**